# Lectio Divina

## It-3 Ħadd tal-Avvent
## Sena Ċ

### Lq 3, 10-18

*Żmien ta' stennija u kontemplazzjoni*

### Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù
### 2018

Is-silta ta' dan il-Ħadd issegwi dik tal-Ħadd li għadda imma jitħallew barra tliet vrus. Biex nifhmu aħjar il-kuntest tal-qari tal-lum, tajjeb nikkunsidraw il-vrus maqbuża (v.7-9): "Innies kienu jmorru bi ħġarhom għand Ġwanni biex jgħammidhom u huwa kien jgħidilhom: 'Ja nisel il-lifgħat, min uriekom x'għandkom tagħmlu biex taħarbu mill-korla li ġejja? Mela uru frott li jixraq lill-indiema u toqogħdux tgħidu lilkom infuskom: 'Għandna b'missier lil Abraham,' għax ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel, jista' jqajjem ulied lil Abraham.' Il-mannara ġa qiegħda ma' għerq is-siġra u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar."

Il-kliem jew diskors eskatoloġiku tal-Battista jorbot mad-dnub oriġinali – nisel is-serp – u jistieden biex nilqgħu lil Kristu u nsiru nisel Alla. Dawk li jsiru wlied Alla, il-gidma tas-serp ma tagħmlilhomx aktar ħsara (Lq 10:19; Atti 28:3ss; Mk 16:18; Ef 2:1-10). Il-kliem tal-Battista jneżża' l-maskri tagħna, li jagħtuna l-impressjoni li l-ħażen tagħna ma jidhirx u nistgħu ngħixu miegħu. Għad li hu kliem ta' ġudizzju u kundanna, isegwi l-affermazzjoni li kulħadd hu msejjaħ għas-salvazzjoni (v.6), b'tali mod li kliem il-Battista jsir stedina universali għall-konverżjoni tal-qalb (ara Lq 6:43ss), għax Kristu ġie jsalva u mhux jeqred (Ġw 3:17). L-istediniet prattiċi tal-Battista jidħlu fil-loġika tal-missjoni tiegħu li "ilesti poplu mħejji sewwa għall-Mulej" (Lq 1:17).

[10]**In-nies kienu jistaqsu lil Ġwanni u jgħidulu: "Mela x'għandna nagħmlu?".**

Il-mistoqsija tal-folla hi l-istess waħda li nsibu f'Atti 2:37, wara l-ewwel diskors ta' Pietru nhar Għid il-Ħamsin. Fil-kuntest neotestamentarju, il-Magħmudija fl-isem ta' Ġesù kienet l-ewwel pass u dak deċisiv biex wieħed jikkonverti u jilqa' lil Ġesù (Atti 16:30ss; 22:10ss).

Il-mistoqsija tassumi l-għarfien u l-ammissjoni tal-ħtija personali bħala l-ewwel pass għall-fejqan. Fl-istess waqt, il-mistoqsija ssir disponibbiltà li wieħed jilqa' l-indikazzjonijiet biex jikkoreġi l-għemil tiegħu u jaqbad it-triq tal-ġustizzja. L-aġir ġust, sinjal tal-konverżjoni, jiġi kkonkretizzat mhux aktar fis-sagrifiċċji tat-tempju imma fl-imħabba tal-aħwa u fil-kondiviżjoni tal-ġid materjali (Lq 19:8). Lil hemm mill-konnotazzjoni morali, il-mistoqsija tirrappreżenta l-"eżami tal-kuxjenza" li rridu ntennu ta' spiss lilna nfusna biex nibqgħu fil-proċess tal-konverżjoni u tat-tiġdid.

[11]**U huwa kien iweġibhom: "Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess".**

Fuq l-istil tal-profeti, it-triq tal-ġustizzja, jiġifieri l-konverżjoni lejn Alla, tgħaddi mit-triq tal-fraternità u s-solidarjetà bejn il-bnedmin. Il-Vanġelu, bħall-AT, jipproponi l-ekonomija mibnija fuq id-don u mhux fuq l-akkwist jew il-pussess tal-proprjetà fih innifsu (Lq 12:13-21). Il-poplu rċieva l-art ta' Iżrael bħala don ta' ħelsien u kien joffri l-ewwel frott tal-art bħala radd il-ħajr u bħala sinjal li dak li għandu mhux tiegħu imma jrid jinqasam ma' min m'għandux. Id-dixxiplu tal-Vanġelu jrid jidħol fil-loġika u jsir 'martri' tal-ekonomija ta' Alla, fejn kollox hu don, anke l-istess Iben ta' Alla (Rum 8:32; Ġw 4:10). Din l-ekonomija tad-don trid tidher ukoll fil-prattiċità tagħha fil-ħajja tas-seminarista/saċerdot, billi jkun ġeneruż mal-fqir u ma jibżax idaħħal idu fil-but biex jaqsam dak li għandu mal-oħrajn, sew fl-art tradizzjonali tal-missjoni kif ukoll mal-foqra li għandna madwarna.

[12]**Resqu wkoll xi pubblikani biex jitgħammdu u qalulu: "Mgħallem, x'għandna nagħmlu aħna?".** [13]**U huwa weġibhom: "Tissikkaw lil ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jmisskom tieħdu".**

Is-sistema Rumana tat-tassazzjoni kienet tagħti lok għal ħafna abbużi, tant li l-Imperatur Awgustu pprova jagħmel riforma tagħha. L-ewwel fil-lista ta' dawk li huma msejħa għall-konverżjoni huma proprju l-'pubblikani' (il-kelma Latina għal dawk li jiġbru t-taxxi). Il-pubblikani kienu nies iddisprezzati kemm mil-Lhud kif ukoll mill-istess Rumani. Iżda l-

ħniena ta’ Alla ma tafx b’kejl u ma teskludi lil ħadd (Mt 8:10), anzi toħroġ tfittex lill-midneb. Huma wkoll jistgħu jikkonvertu u jibdlu ħajjithom u jidħlu fis-Saltna ta’ Alla (Mt 21:31-32). Anzi, il-pubblikani se jkunu minn tal-ewwel li jilqgħu l-kelma ta’ Ġesù (Lq 5:27ss; 7:34; 15:1; Lq 19:1ss). Luqa jenfasizza li m’hemm l-ebda sitwazzjoni ta’ inġustizzja u ħażen li fiha ma jistax jidħol Alla bil-qawwa tal-ħniena tiegħu. Id-dixxiplu, bħall-Battista, hu dak li jagħmel possibbli li f’dan l-imkien ta’ ħażen tasal il-Kelma tal-ħniena ta’ Alla. Bħal Kristu, id-dixxiplu jrid jidħol fid-dar tal-midneb biex iwassallu s-salvazzjoni (Lq 19:5.9). Konvint mill-ħniena ta’ Alla, id-dixxiplu joħroġ ifittex il-mitluf (Lq 15:4; Mt 10:6; 18:14) u jdaħħal idu bla biża’ fil-bejta tas-serp (Is 11:8; Mk 16:18).

**14 Staqsewh ukoll xi suldati u qalulu: “U aħna, x’għandna nagħmlu?”. U huwa weġibhom: “Tisirqu lil ħadd bit-theddid jew bil-qerq tagħkom, u kkuntentaw ruħkom bil-paga li għandkom”.**

Probabbilment, dawn huma suldati Lhud fis-servizz ta’ Erodi Antipa. Minħabba l-assoċjazzjoni tagħhom mal-ħakkiema Rumani, huma wkoll kienu ddisprezzati mill-poplu. Imma l-ħniena ta’ Alla tmiss anke lis-suldati, simbolu tal-prepotenza, tal-vjolenza, abbuż, ġlied u mewt; dawk li jibdlu l-armi tal-paċi messjanika f’armi qerrieda (Is 2:4; Mik 4:3; Ġoel 4:10). Imma anke s-suldat jista’ jsir dixxiplu tas-Saltna (Lq 7:9; At 10:1ss) u jfaħħar lil Alla quddiem il-mewt salvifika ta’ Kristu (Lq 23:47).

**15 Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan, u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija.**

Luqa jindika li tassew kien hemm, fost il-poplu, min kien jistenna l-miġja tal-Messija, il-midluk tal-Mulej, li kellu jiġi biex jirrestawra lil Iżrael. Il-predikazzjoni tal-Battista, li hi ħierġa mhux biss mill-fomm jew mill-moħħ imma wkoll mir-radikalità tal-ħajja tiegħu – hi kelma li ttrasformat il-qalb tal-ħabbar –, tqanqal fil-poplu sens ta’ stennija għall-Messija u tiddisponi, permezz tal-konverżjoni li twassal għall-aġir ġust, għad-don tal-Ispirtu (v.16; Atti 8:12ss; ). Tassew, “Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb” (Lhud 14:12). Hi l-istess Kelma li trid tqanqal fina l-mistoqsijiet meħtieġa biex insaħħu r-relazzjoni tagħna mal-Mulej Ġesù.

**[16]Għalhekk Ġwanni qabad u qal lil kulħadd: "Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar.**

Il-Vanġeli u l-Atti jenfasizzaw id-differenza bejn Ġesù u l-Battista (Ġw 3:28; Atti 11:15ss; 19:1ss). Minkejja li huwa l-ikbar fost l-imwielda min-nisa (Mt 11:11), l-aspirazzjoni ta' Ġwanni mhix li jagħmel "karriera" jew li jkun iċ-ċentru tal-attenzjoni. Għax għaraf li hu msejjaħ, sar sinjal kredibbli għall-Messija: "Araw il-Ħaruf ta' Alla" (Ġw 1:29); "Dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jeħtieġ jikber hu u niċkien jien" (Ġw 3:29-30). Hu għaraf minn qabel xi jfisser tkun il-ħabib tal-għarus (Ġw 15:15). Fi Ġwanni hemm konsapevolezza profonda tal-identità u tal-missjoni tiegħu. Għandu aċċettazzjoni serena u veritiera tal-ħajja tiegħu; għandu paċi interjuri li tagħtih qawwa profonda biex iwettaq il-missjoni tiegħu bl-ikbar konvinzjoni, imħabba u effikaċja.

Is-suppervja narċisistika ta' meta nħossuna "il-messija tal-mument" ("Għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu, 'Jien hu'... Tmorrux warajhom!" – Lq 21:8) jew li d-dinja bdiet bina u se tispiċċa warajna (*delusions of grandeur*), hi tentazzjoni fina, li fiha ġie ppruvat ukoll l-Imgħallem, u tista' terfa' rasha f'kull mument tal-ħajja tagħna, anke fil-quddiesa (Lq 4:1-13; ara 2 Kor 12:1ss). Aħna biss qaddejja "li ma niswew għal xejn" (Lq 17:10).

Din il-konsapevolezza m'għandhiex x'taqsam ma' atteġġjament dipressiv jew rinunċjatarju, jew nuqqas ta' *self-esteem*, imma hi sejħa biex nixbhu lill-Mulej Ġesù, li ġie biex jaqdi u jħobb (Mt 20:28; Ġw 13:12-17).

> "The pastoral care of the faithful demands that the priest have a solid formation and interior maturity. He cannot limit himself simply to demonstrating a 'veneer of virtuous habits', a merely external and formalistic obedience to abstract principles. Rather, he is **called to act with great interior freedom**. Indeed, it is expected of him that, day after day, he will internalise the spirit of the Gospel, thanks to a constant and personal friendship with Christ, leading him to share His sentiments and His attitudes.
>
> Thus, by growing in charity, **the future priest must seek to develop a balanced and mature capacity to enter into relationship with his neighbour**. Indeed, he **is called above all to a basic human and spiritual serenity that, by overcoming every form of self-promotion or emotional dependency**, allows him to be a man of communion, of mission and of dialogue." (RFIS 41)

**[17]Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa u jiġbor il-qamħ fil-maħżen tiegħu, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex". [18]U b'ħafna twissijiet oħra kien ixandar lill-poplu l-bxara t-tajba.**

Ix-xbieha tal-qiegħa, bħal dik tan-nar, tesprimi lingwaġġ tipiku tal-ġudizzju, komuni fil-profeti (Mal 3; Is 1:21ss; Eżek 22:17ss) u anke fit-TĠ (Mt 25; 1 Kor 3:12-13; 2 Kor 5:1; Lhud 10:26-27). Fl-essenza tiegħu, dan il-lingwaġġ m'għandux l-għan li jikkundanna b'mod definittiv imma li jqiegħed lill-bniedem quddiem il-verità u jistiednu, b'ċerta urġenza u ħeġġa, biex jikkonverti (ara wkoll v.7-9), tant li l-predikazzjoni tal-Battista hi kkwalifikata bħala "Evanġelju", "il-bxara t-tajba". Infatti, jekk il-Fariżej u l-Qassisin il-Kbar ma laqgħux l-istedina tal-Battista (Lq 7:30; 20:5), kien hemm oħrajn (v.10-14) li laqgħu l-magħmudija ta' Ġwanni u wrew sinjali ta' konverżjoni.

Jekk il-Battista l-ewwel stedinna biex ma npoġġux lilna nfusna fiċ-ċentru tal-univers, issa jistedinna biex inxammru l-kmiem u ma nintelqux. Ħafna drabi, in-nuqqas ta' twemmin u l-ostilità għall-konverżjoni hi aktar preżenti fil-"mexxejja" milli fin-nies "ordinarji" u "pubblikament midinba". Infatti, dawn l-istess nies ordinarji kienu dawk li laqgħu l-messaġġ ta' Ġesù. Luqa jistieden lill-"mexxejja tal-Knisja" biex ma jaqgħux fin-nassa tas-suppervja, u fl-istess waqt jirbħu l-preġudizzji morali u jaraw aktar tjubija 'l barra min-normi morali konsweti.